**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 18 – 4 ta' April 2013**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda numru 18. Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Thomas Agius | Viċi-Sindku |
| | Roderick Aquilina | Kunsillier |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Cain Grech | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| | Robert Tabone | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| Skużati: | Ħadd | |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| | Philip Gatt | Project Manager |
| Pubbliku: | Għal-laqgħa attenda l-Perit tal-Kunsill il-Perit Charles Buhagiar. | |

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba.

**1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li kien hemm żewġ settijiet ta' minuti sabiex jiġu approvati, u ressaq il-minuti ta' Aġenda 16 u Aġenda 17 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

1.2. Il-Kunsilliera Catherine Sammut talbet li jkun hemm dawn il-korrezzjonijiet;

Punt 1.7 tal-minuti ta’ Agenda 16 jinbidel u jiġi; “Il-Kunsillilera Catherine Sammut ikkumentat li jekk ma jkunx hemm il-garanzija li t-toroq li fihom ma sarx xogħol sew jigu rranġati, allura hi tivvota kontra. Dan għaliex hi tħoss li mhux biss li fit-toroq fejn ix-xogħol ma sarx sew se jibqgħu jbatu r-residenti, imma jbatu wkoll sidien il-propjetajiet għax, tistaqsi hi, min ikun irid jixtri propjeta` fi triq li mal-ewwel bexxa xita ssir għadira? kompliet tgħid, li allura jqum iċ-ċans li l-valur tal-propjetajiet f'dawn it-toroq jitilfu mill-valur tagħhom.”

Punt 1.8 tal-minuti ta’ Agenda 16, il-frażi “Il-Kunsilliera Sammut qalet li anke jekk għandu l-makkinarju neċessarju, jekk ma tingħatax garanzija li t-triq tagħha terġa ssir, hija kienet se tivvota kontra.” Tinbidel u ssir “Il-Kunsilliera Sammut qalet li anki jekk għandu l-makkinarju neċessarju, jekk ma tingħatax il-garanzija kif imsemmi f'punt 1.7, hi se tivvota kontra.”

Punt 1.10 tal-minuti ta’ Agenda 16, jinbidel u jiġi; “Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li l-Kunsilliera Sammut setgħat isserraħ rasha għax l-avukat assigura li għalkemm il-Kunsill għamel xi ħlasijiet lill-kuntrattur fuq it-toroq li semmiet, jekk it-testijiet juru li x-xogħol ma kienx tajjeb, il-Kunsill xorta kellu d-dritt li jfittex lill-kuntrattur.”

1.3. B’ referenza għall-korrezzjonijiet mitluba mill-Kunsilliera Sammut, is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa m’ għandu l-ebda oġġezzjoni għal dawn il-korrezzjonijiet imma filwaqt li jifhem il-kumment tal-Kunsilliera Sammut li hemm differenza bejn il-Malti mitkellem u dak miktub, huwa fakkar li hemm deċiżjoni politika li l-laqgħat tal-Kunsill jiġu *streamed* u allura l-Kunsilliera kellhom joqogħdu attenti li dak li jgħidu matul il-laqgħa jkun jirrifletti eżatt dak li jkunu qegħdin jaħsbu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għal skop ta’ minuti huwa jista jniżżel biss dak li jintqal u ma jista ikun jaf x’ hemm f’ moħħ il-Kunsilliera.

1.4. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-minuti ta’ Aġenda 16 jiġu approvati hekk kif emendati. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Cain Grech. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Il-Viċi Sindku Thomas Agius.

Il-minuti ġew approvati (81).

1.5. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-minuti ta' Aġenda 17 jiġu approvati hekk kif imresqa. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Philip Said. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, Il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Catherine Sammut, Cain Grech, u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Il-Kunsilliera Roderick Aquilina, George Cortis u Robert Tabone.

Il-minuti ġew approvati (82).

1.6. Il-Kunsillier Philip Said talab li tiġi skużata l-assenza tiegħu għal-laqgħa ta' Agenda 16 minħabba li għal xi raġuni ma rċeviex l-email bid-dettalji tal-laqgħa. Il-Kunsillier George Cortis talab li jiġi mniżżel bħala skużat ukoll.

## 2. ĦWEJJEĠ LI JOĦROĠU MILL-MINUTI

2.1.1. Il-Kunsillier Philip Said talab li jkun jaf jekk kienx hemm xi żviluppi dwar punt 4.5 tal-minuti ta' Agenda 17 dwar il-bejjiegħa tal-monti.

2.1.2. Is-Sindku Alfred Grixti nforma li s-Segretarju Eżekuttiv kiteb b' mod uffiċjali lill-Ispettur tal-Għassa ta' Ħaż-Żebbuġ sabiex tingħata aktar attenzjoni u jisr infurzar fuq l-indafa fiż-żona tal-monti u rigward il-ħinijiet li fihom suppost iżarmaw il-bejjiegħa li skond il-liġi suppost ikunu żarmati sas-1pm. Is-Sindku kompla jgħid ukoll li tkellem mal-Uffiċjal Awtorizzat sabiex tinbeda l-proċess tar-rassegna. Is-Sindku spjega li l-Uffiċjal Awtorizzat qallu li l-liġi stess tipprevedi li l-bejjiega suppost iżommu l-indafa fejn ikunu armati. Saret diskussjoni dwar is-suġġett u kien hemm qbil li l-Kunsill jibqa għaddej fid-direzzjoni maqbula.

2.2.1. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għal punt 4.8 tal-minuti ta' Agenda 17, u spjega li l-appelli fuq it-tenders bdew jinstemgħu u l-ewwel seduta kienet nhar il-Ħamis 28 ta' Marzu. Is-Sindku spjega li l-appell fuq it-tender tat-tindif taż-żoni mhux urbani kien instema iżda l-appell l-ieħor ġie diferit.

2.2.2. Is-Sindku Alfred Grixti qal li fil-laqgħa tal-Kunsill ta' qabel huwa kien ressaq l-idea li minflok jinħarġu tenders il-Kunsill jimpjega numru ta' persuni fuq paga minima sabiex jagħmlu l-istess xogħol tal-kuntratturi, iżda meta wara l-appell ra li dan jista jieħu aktar żmien beda jaħseb li ma jagħmilx sens li l-Kunsill jerġa jġedded dawn il-kuntratti meta huwa ċar li l-Kunsill mhux kuntent bis-servizz mogħti. Is-Sindku spjega li għalhekk huwa ċċekkja ma' min jopera l-iskema tal-Community Work Scheme fi ħdan l-ETC sabiex

jivverifika jekk il-Kunsill jistax jipprovdi dawn is-servizzi b’ persuni li jipparteċipaw f’ din l-iskema. Is-Sindku qal li l-ETC ikkonfermat li dan jista jsir sakemm il-persuni assenjati ma jkunux qed jaħdmu ma’ xi kuntrattur, u li nbeda process sabiex jinstabu l-persuni adattati, u dan kollu b’ mod temporanju sakemm jinqatgħu l-appelli.

2.2.3. Il-Kunsilliera Catherine Sammut ikkummentat li jekk il-ħaddiema li jiġu assenjati jkunu bħal dawk li għandu l-Kunsill fil-preżent il-Kunsill se joħroġ sodisfatt għax dawn il-ħaddiema tassew jaħdmu tajjeb u mill-qalb.

2.2.4. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill jitlob ħaddiema lill-ETC taħt l-iskema Community Work Scheme sabiex jipprovdu servizz ta’ emergenza ta’ tindif sakemm jiġu deċiżi l-appelli u l-kuntratti jiġu estiżi xhar b’ xhar sakemm il-Kunsill jiġi assenjat dawn il-ħaddiema. Huwa ġie sekondat mill-Kunsilliera Catherine Sammut. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Il-Kunsillier Roderick Aquilina

Il-mozzjoni ġiet approvata (83).

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Ma tressaq l-ebda punt ta’ korrispondenza.

## 4. VOT TAL-FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-kummenti tal-Kunsilliera. Is-Sindku Alfred Grixti qal li għal darb’ oħra tressaq vot ta’ flus ridott għal-istess raġunijiet li ġew spjegati fl-aħħar laqgħa. Saret referenza għal email mingħand id-dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-allokazzjoni tax-xhar ta’ April.

4.2. Il-Kunsillier Philip Said ikkummenta li rċieva lmenti li l-public convenience mhux qed tkun miftuħa regolarment b’ mod partikolari ma kienitx miftuħa dakinhar tal-Ġimgħa l-Kbira. Is-Sindku Alfred Grixti qa li l-public convenience tkun miftuħa b’ mod regolari iżda rriżulta li kien hemm xi ħsara għax far id-drenaġġ. Saret diskussjoni u kien hemm qbil li jiġi kkunsidrat il-possibiltà li f’ okkażjonijiet partikolari jkun hemm attendant mal-public convenience.

4.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex l-iskeda ta' pagamenti tiġi approvata hekk kif mressqa. Huwa ġie sekondat mill-Kunsilliera Catherine Sammut. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Il-Kunsillier Roderick Aquilina astjena fuq item 6 tal-vot ta' flus u l-Kunsillier Robert Tabone astjena fuq item 4 minħabba kunflitt ta' interess.

Il-pagamenti ġew approvati (84).

**5. ĦAL MULA - UPDATE**

5.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega lill-Kunsill li fil-laqgħa tas-6 ta' Marzu 2013 il-Kunsill iddeċieda li jittermina l-kuntratt ta' Bonnici Bros u dawn ġew infurmati b' dan permezz ta' ittra legali datata 24 ta' Marzu 2013. Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-Kunsill irċieva ittra mingħand l-avukat tal-kumpanija Bonnici Bros fejn informa lill-Kunsill li s-soċjeta mittenti se tkun qegħdha tirrikorri għal arbitraġġ. Is-Sindku spjega li l-parir legali ta' Dr. Farugia kien li l-Kunsill jaċċetta biss f' każ li jkun hemm qbil dwar l-arbitri u jekk ma jkunx hemm qbil tinfetaħ kawża l-qorti.

5.2. Is-Sindku Alfred Grixti qal ukoll li issa ma hemm xejn li jżomm lill-Kunsill li jqabbad lill-kuntrattur tal-manutenzjoni tat-toroq urbani sabiex jagħmel il-biċċa triq li tinsab maqlugħa bejn Triq Gulliermo Loreni u Triq Abraham Gatt.

5.3. Is-Sindku Alfred Grixti talab li l-Kunsill jidħol fi stadju ta' kumitat. Il-laqgħa ġiet sospiża fis-7.30pm.

5.4. Il-laqgħa tkompliet fis-7.50pm.

5.5. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex in vista tat-terminazzjoni tal-kuntratt ta' Bonnici Bros, in vista tal-fatt li l-pjazetta bejn Triq Abraham Gatt u Triq Gulliermo Lorenzi ilha xhur maqlugħa għad-detriment tar-residenti, il-Kunsill għandu juża l-poteri li jagħtih il-kuntratt tal-manutenzjoni ta' toroq urbani sabiex isir ix-xogħol ta' resurfacingf' dawn it-toroq. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Robert Tabone. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, Il-Kunsilliera Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Robert Tabone u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Il-Viċi Sindku Thomas Agius u l-Kunsilliera Catherine Sammut.

Il-mozzjoni ġiet approvata (85).

Il-Kunsillier Roderick Aquilina iddikjara li hu flimkien mal-Kunsilliera George Cortis u Philip Said li ma kienux preżenti għal-laqgħa li fiha ġie terminat il-kuntratt ta' Bonnici Bros, qegħdin jivvutaw favur din il-mozzjoni skond il-parir tal-avukat tal-Kunsill.

5.6. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li hekk kif spjega lilll-Kunsill fil-bidu tal-laqgħa kien hemm preżenti l-Perit tal-Kunsill, il-Perit Charles Buhagiar sabiex jispjega r-rapport ta' aġġudikazzjoni tal-Ġnien tal-Grazzja li kien se jsir permezz tal-fondi tal-Urban Improvement Fund. Is-Sindku qara l-konklużjonijiet tar-rapport. Il-Kunsill daħal fi stadju ta' kumitat fis-7.55pm.

5.7. Il-laqgħa tkompliet fit-8.35pm.

5.8. Is-Sindku Alfred Grixti qal li fid-dawl ta' dak li ġie diskuss fi stadju ta' kumitat huwa kien qiegħed iressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill jimxi fuq ir-rakkomandazzjoni tar-rapport tal-Med Design dwar l-assenjazzjoni tat-tender għal-ġnien il-familja u jinfetħu diskussjonijiet ma' dak l-offerent li ssottometta l-irħas offerta fejn jidħol xogħol ta' kostruzzjoni u jsiru diskussjonijiet fuq l-items l-oħra tat-tender minħabba li kien hemm diskrepanza kbira bejn il-varji offerti fuq dawn l-items u anke minħabba l-fatt li l-prezz kwotat jabqeż il-budget li hemm għad-dispożizzjoni tal-Kunsill fl-Urban Improvement Fund. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Roderick Aquilina. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, Il-Kunsilliera Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Il-Viċi Sindku Thomas Agius.

Il-mozzjoni ġiet approvata (86).

## 6. VJAL IL-ĦELSIEN (UPDATE)

6.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li wara li sar ix-xogħol korrettiv fi Vjal il-Ħelsien saru testijiet fuq it-tarmac.

## 7. MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

7.1. Il-Kunsillier George Cortis ressaq proposta ssabiex il-Kunsill Lokali jniehdi kompetizzjoni għall-isbaħ armar jew tiżjin ta' faċċata fil-festa, u l-premmjazzjoni ssir f' Jum Ħaż-Żebbuġ. Kien hemm diskussjoni dwar din il-proposta. Il-Kunsillier George Cortis ressaq il-proposta tiegħu għall-vot. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Robert Tabone. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Robert Tabone u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Il-Viċi Sindku Thomas Agius, u l-Kunsilliera Catherine Sammut.

**Astensjonijiet;** Ħadd.

Il-proposta ġiet approvata.

7.2. Il-Kunsillier Roderick Aquilina talab li jikkjarifika li huwa qatt ma kien favur li jsir *patching* fi Vjal l-Ħelsien, fl-opinjoni tiegħu patching ma jmurx fi triq ġdida u proġett ta' €1.3 miljuni. Il-Kunsillier Aquilina spjega li għamel dik il-kjarifika għax kien hemm min irraporta l-pożizzjoni tiegħu fuq dan is-suġġett b' mod skorrett.

## 8. AĠĠORNAMENT

8.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għat-2 ta' Mejju fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fid-9.15pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti | Christopher Formosa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |